MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 550/2010

**Appell Nru. 550/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**Vs**
**Paul Michael Kavanagh**

**Illum 22 ta' Novembru, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Dicembru, 2009 ghall-habta tas-6.50pm, gewwa l-istabbiliment Classic Jewellers fi Triq San Gorg, San Giljan flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa:

1. Ikkommetta serq ta' flus u gojjellerija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebghin w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu tas-

socjeta Classic Group Ltd u/jew entitajiet u/jew persuni ohra;

2. Aktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Noella Xuereb kontra l-volonta’ taghha;

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t’ arma tan-nar jew imitazzjoni t’ arma regolari;

4. Ukoll talli bejn l-14 u l-15 t’ Awwissu, 2006, minn Triq Birkirkara, San Gwann ikkommetta serq ta’ mutur tal-marka Honda 250, numru tar-registrazzjoni FAN673, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa’ w ghoxrin Euro  sebgha w tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Joseph Xuereb u/jew ta’ persuna/I u/jew entitajiet ohra;

5. Ukoll talli fl-14 ta’ Dicembru, 2009, u/jew fix-xhur ta’ qabel, minn Triq l-Imsierah, San Gwann ikkommetta serq ta’ tarka tar-registrazzjoni FAP052, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;

6. Iktar talli minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija u/jew ta’ xi awtorita ohra, b’ xi mod li jkun, bghabas, nehha, biddel jew ghamel numru t’ identifikazzjoni ta’ chassis jew makna ta’, jew fuq, vettura bil-mutur, cioe’ mutur Honda 250 li kellu n-numru tar-registrazzjoni FAN673;

7. Ukoll talli kiser il-provvediment ta’ Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ sentenza datata 27 ta’ Gunju, 2005 fejn l-istess Paul Michael Kavanagh kien misjub hati ta’ pussess ta’ sustanza minghajr awtorizzazzjoni u kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

8. Akkuzat ukoll, talli fl-14 ta’ Dicembru, 2008, u/jew fix-xhur ta’ qabel u kif ukoll wara din id-data, f’ dawn il-Gzejjer, zamm f’ xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghi jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjoni, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att;

9. Akkuzat ukoll talli kkommetta diversi reati li ghalihom hemm kontemplat piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza ai termini ta’ l-Artiklu 28A ta’ l-Artiklu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, datata 24 ta’ Novembru, 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel; u

10. Finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Dicembru, 2010, li biha, ma sabitx lill-appellat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u lliberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-28 ta’ Dicembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, tghaddi biex issib lill-appellat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u, fin-nuqqas, tapplika d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali u konsegwentement tghaddi biex tinfliggi dik il-piena indikata skond il-ligi ghall-htija ta’ l-appellat.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat minhabba (1) apprezzament erroneju u inkomplet tal-fatti tal-kaz u (2)

enunzjazzjoni zbaljata u inkompleta ta’ l-ipotesi tal-ligi kif ser jigi spjegat hawn aktar l-isfel.

Illi fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti tirrileva illi l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta’ l-appellat Kavangh jirriflettu l-fatti tal-kaz kif esposti quddiemha, di fatti l-Ewwel Qorti tghid testwalment hekk :-
*“Illi fil-fatt l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-imputat kemm fic-citazzjoni kif ukoll fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali jirriflettu reati li jirrizultaw f’dan il-kwadru ta’ fatti u cioe` dawk ta’ serq aggravat (tal-gojjelli, tal-mutur u tal-pjanci tat-tieni mutur), sekwestru ta’ persuna, bdiel ta’ chassis number, u pussess ta’ arma tan-nar minghajr licenzja, hemm migjuba kontra l-imputat imputazzjonijiet ohra konsegwenzjali bhal m’huma ksur ta’ probation u ta’ sentenza sospiza u recidiva”.*

Illi di piu l-Ewwel Qorti tkompli tikkonferma s-suespost billi tghid :-
*“Illi la darba ir-reati principali u li jinkwadraw ruhhom fl-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jirrizultaw, il-kwistjoni li ghandha tigi rizolta issa hija jekk il-dawn ir-reati fil-fatt gew kommessi mill-imputat, u hija hawn li l-Qorti ghandha l-akbar diffikolta”.*

Illi l-fatti li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti huma pacifici u konsistenti fl-interita` taghhom.  Minkejja li diversi xiehda pajzana taw il-verzjoni taghhom tal-fatti tal-kaz, dawn il-verzjonijiet huma kollha kompattibbli u verosimili ghal dak li eventwalment gie stabbilit mill-esperti mahtura mill-Qorti.

Illi x-xiehda okulari li ddeponew fl-atti tal-kawza kollha ddeskrivew lill-aggressur li kien fil-hanut bhala bniedem irqieq u twil.  Xhud okulari minnhom, senjatament Alfio Coco, qal illi l-aggressur kellu karnaggjon cara u xaghru kien ta’ lewn car ukoll.  Illi l-impjegata li kien hemm fil-hanut fil-hin tas-serqa sahansitra kkonfermat illi l-aggressur kellu ghajnejn ta’ lewn car.  Illi dawn id-deskrizzjonijiet kollha jirrafiguraw fil-persuna ta’ l-appellat Kavanagh.  Illi li kieku, ghall-grazzja ta’ l-argument biss, ix-xiehda okulari taw deskrizzjoni bbazata fuq karatteristika wahda jew tnejn, (bhal per ezempju li kien

twil biss, jew li kien irqieq biss) kieku wiehed jista` forsi jifhem ir-ragunament tal-Qorti li m'hemmx bizzejjed provi indizzjarji li jistghu iwasslu biex jindikaw lill-appellat Kavanagh, izda hawn si tratta ta' hames karatteristici li jirrafiguraw fil-persuna ta' l-appellat Kavanagh.

Illi n-numru kbir ta' deskrizzjonijiet moghtija mix-xiehda okulari u indipendenti qajla jhalli ombra ta' dubju li l-persuna li wettqet il-hold up kienet l-istess persuna ta' l-appellat Kavanagh!

Illi ta' min jghid ukoll illi l-maggor parti ta' l-oggetti misjuba fil-pussess ta' l-appellat Kavanagh kien ghad kellhom il-prezz imwahhal fuqhom u sahansitra t-tags tat-tip ta' gojjelli u s-serial number taghhom. Jekk ghall-grazzja ta' l-argument biss, wiehed kellu jikkonsidra illi l-appellat Kavanagh kien biss ricettatur, huwa ghal kollox inverosimili illi bniedem li qieghed jipprova jehles minn oggetti li seraq hu stess ma jnehhix ta' l-anqas it-tags li kienu mwahhlin ma' l-oggetti misruqa! Il-fatt li l-goejjellerija instabet mill-Pulizija bit-tags tal-prezz u t-tags tas-serial number ikompli jikkonferma t-tezi illi l-gojjelli kienu ghadhom ma biddlux l-idejn u li ghalhekk necessarjament kienu ghadhom fl-idejn ta' min originarjament hadhom minn gol-hanut!

Illi ghar-rigward tal-grad tal-prova indizzjarja, l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata tghid hekk :-
*Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-principji regolaturi fir-rigward ta' provi indizjarji huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fil-kamp kriminali l-provi jistghu jkunu kemm diretti kif ukoll indizjarji, basta dawn ta' l-ahhar ikunu sufficjenti biex inisslu konvinviment morali f'mohh il-gudikant lill'hemm minn kull dubju ragonevoli mir-reita ta' l-imputat. Fil-fatt il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konklussjoni wahda.*

Illi fid-dawl tad-dottrina appena citata mill-Ewwel Qorti stess, l-esponent jissottometti illi ghalkemm m'hemmx provi diretti li jimmilitaw a favur it-tezi tal-prosekuzzjoni, l-provi cirkostanzjali li jdawwru l-fatti tal-kaz in dizamina ma

jhallu l-ebda dubju f'mohh il-gudikant dwar il-konkluzzjoni logika u naturali li l-appellat Kavanagh kien il-bniedem li effettivament wettaq ir-reati imputati kontra tieghu.

Illi meta wiehed iqis l-assjem kollu tal-provi cirkostanzjali f'dan il-kaz, wiehed ma jkollu l-ebda ombra ta' dubju dwar l-involviment ta' la-ppellat f'dan il-kaz. Ix-xiehda okulari nonostante li kienet l-ewwel darba li raw l-aggressur b'ghajnejhom u ghal ftit sekondi biss, irnexxielhom jibnu hames karatteristici komuni li kellu l-aggressur (it-tul, il-karnaggjon, ix-xahar, l-ghajnejn u l-fatt li kein ragel irqieq) liema karatteristici huma kollha rispekkjati fl-appellat Kavanagh.

Illi di piu` l-Qorti kellha quddiemha ukoll ir-res furtiva li nstabet mill-ufficjal tal-Pulizija li baqghu fil-pussess ta' l-appellat Kavanagh wara t-trapass taz-zmien liema res furtiva kienet ghadha bil-prezzijiet u bin-numru serjali ta' l-oggetti. Li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument biss, il-verzjoni moghtija mill-appellat Kavanagh – u cioe` li nghatawlu bhala bicca xoghol li gejja mill-Ingilterra – kienet wahda veritiera, kieku kien ikun altament inverosimili li l-prezzeijiet u s-serial number tal-gojjelli ghadu mwahhal maghhom !

Illi minghajr pregudizzju u in subsidium ghall-ewwel aggravju, fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti stabbilixxiet illi filwaqt li numru sostanzjali tal-gojjellerija li tifforma l-mertu tal-kaz odjern instabet fil-pussess ta' l-appellat, hu ma forniex raguni sodisfacenti li tiffustifika l-pussess taghhom. Di fatti, l-Ewwel Qorti tghid testwalment hekk :-

*"Illi ghandu jigi rilevat immedjatament li l-imputat assolutament mhux kredibbli u bl-ebda mod ma kkonvinca lill-Qorti b'dak li qal dwar kif dawk l-oggetti gew fil-pussess tieghu u li hu ma kienx jaf li dawn kienu oggetti misruqa."*

Illi minn dan il-bran jidher car illi l-Ewwel Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li l-pussess ta' dawk il-gojjelli ghand l-appellat kien wiehed illegali. Izda madanakollu, l-Qorti erronjament skartat dan il-fatt u llimitat ruhha biss ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra l-

imputat. Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti kompliet tghid :-
*“Pero` l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma jikkoncernawx ir-ricettazzjoni ta’ l-oggetti misruqa imma (inter alia) is-serq taghhom”*

Illi abbazi tas-suespost, wiehed jista` ragjonevolment jikkonkludi li galadarba l-Ewwel Qorti ma kienitx konvinta bil-pussess lecitu ta’ l-oggetti misjuba ghand l-appellat, il-Qorti, kieku kellha quddiemha l-akkuza tar-ricettazzjoni, kienet tghaddi biex issib lill-appellat hati ta’ dan ir-reat – haga li l-Ewwel Qorti m’ghamlitx ghax fi kliemha stess “l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma jikkoncernawx ir-ricettazzjoni ta’ l-oggetti”. Dan iwassal biex wiehed jifhem illi l-Ewwel Qorti kienet lesta li ssib htija ghar-reat ta’ ricettazzjoni u l-unika fatt li ppreskludiha milli taghmel dan kien proprju l-fatt li din l-akkuza ma nghatatx fil-konfront ta’ l-appellat.

Illi dan ir-ragunament m’huwiex wiehed korrett u wisq anqas m’hu bbazat fuq id-disposizzjonijiet tal-ligi.

Illi f’dan ir-rigward l-artikolu 476(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jistipoli illi :-
***“(2) Jekk persuna, fuq akkuzaz tas-serq, sew jekk semplici jew ikkwalifikat, ta’ xi oggett tigi misjuba mhux hatja ta’ dik l-akkuza, l-guri jista` jiddikjaraha hatja ta’ misapproprjazzjoni ta’ dak l-oggett jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 rigward dak l-oggett, jekk ikun hemm provi ta’ dan, u, reciprokament, persuna fuq akkuza ta’ misapproprjazzjoni jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 tista` tigi ddikjarata hatja ta’ serq, sew jekk semplici jew ikkwalifikat, ta’ l-oggett involut jekk ikun hemm provi ta’ dan :***
***Izda l-piena ma ghandha f’ebda kaz tkun aktar gravi minn dik mitluba fl-att ta’ l-akkuza”.***

Illi minn ezami ta’ dan l-artikolu jidher ampjament car li kuntrarjament ghal dak li jinghad fis-sentenza appellata, nonostante li l-akkuza ta’ ricettazzjoni ma nghatatx fil-konfront ta’ l-appellat, l-Ewwel Qorti ma kienitx prekluza milli ssib htija fir-reat ta’ ricettazzjoni (l-artikolu 344 tal-

Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) – aktar u aktar meta l-Qorti stess iddikjarat illi ma kienitx konvinta li l-appellat ma kienx jaf li l-oggetti fil-pussess tieghu ma kienux oggetti li gejjin mis-serq.

Illi dan ifisser li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali, l-Ewwel Qorti setghet liberament u legalment tghaddi sabiex issib htija ghar-rigward tar-reat ta' ricettazzjoni nonostante li ma nghatax fil-konfront ta' l-appellat.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur kif ukoll dik tal-Avukat Generali;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fl-erbatax (14) ta' Dicembru tal-elfejn u disgha (2009) il-pulizija rceviet rapport fejn inghad illi kien ghadu kif sehh hold-up armat gewwa l-istabbiliment *Classic Jeweller* fit-Triq San Gorg, San Giljan. Il-pulizija marru immedjatament fuq il-post fejn gie stabbilit illi l-hold-up sar fuq impjegata, Noella Xuereb, illi kienet qed tahdem gewwa l-istabiliment dak il-hin. Kien ghal habta ta' 6:45 p.m. meta waqfu zewgt irgiel rekbin mutur u wiehed minnhom nizel minn fuq il-mutur u baqa' diehel gol-hanut. Ipponta arma tan-nar fid-direzzjoni ta' Noella Xuereb u ordnalha ttih kollox. Dina tatu madwar erba' mitt ewro (€400) mill-cash register kif ukoll kwantità ta' gojjellerija, gizirajjen u anke xi djamant. Ir-ragel qieghed kollox go basket, hareg, rikeb il-mutur fejn kien hemm persuna ohra tistennih u saqu 'l hemm.

Xuereb iddiskriviet lil dan ir-ragel bhala wiehed twil u rqiq u jitkellem bil-Malti filwaqt illi l-mutur illi kien ta' lewn ahmar tat-tip scrambler. Dak il-hin tas-serqa kien hemm zewg persuni anzjani ghaddejjin fil-vicinanzi u raw dak li kien qieghed jigri.

Sussegwentement il-mutur instab abbandunat fi Triq il-Bies, San Gwann. Minn aktar investigazzjonijiet irrizulta li dan il-mutur gie rrappurtat misruq fl-erbatax (14) ta' Awwissu tal-elfejn u sitta (2006) kif ukoll li l-pjanci tar-registrazzjoni li kellu mwahhlin fuqu ma kinux tieghu izda ta' mutur iehor. Dan il-mutur gie identifikat bhala l-istess wiehed li intuza ghal din is-serqa.

Fil-hdax (11) ta' Jannar tal-elfejn u ghaxra (2010) diversi ufficcjali tal-pulizija intercettaw lill-imputat meta kien fil-kumpanija ta' Lorita Pace. Saret tfittxija fil-vettura tieghu u nstabu numru sostanzjali ta' bicciet ta' gojjellerija, uhud minnom bil-price tag jew bin-numru serjali, li wara aktar investigazzjoni, irrizulta illi din kienet il-gojjellerija li nsterqet fil-hold-up fuq *Classic Jewellers* fl-erbatax (14) ta' Dicembru tal-elfejn u disgha (2009).

Sussegwentement l-appellat tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi in konnessjoni ma' din is-serqa, inkluz sekwestru ta' persuna, pussess ta' arma tan-nar minghajr l-awtorizazzjoni, serq ta' mutur, kif ukoll ksur tar-regolamenti tat-traffiku.

B'sentenza tal-ghoxrin (20) ta' Dicembru tal-elfejn u ghaxra (2010), il-Qorti tal-Magistrati illiberat lill-appellat peress li deherilha illi ma kinux jezistu provi bizzejjed sabiex jorbtu lill-appellat mas-serqa li saret fl-erbatax (14) ta' Dicembru tal-elfejn u disgha (2009).

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u appella principalment minn apprezzament erroneu u inkomplet tal-fatti tal-kaz, kif ukoll enuncazzjoni zbaljata u inkompleta tal-ipotesi tal-ligi.

Rigward l-ewwel aggravju l-Avukat Generali jilmenta illi hemm certa inkonsistenti fl-argumenti tal-ewwel Qorti, principalment fejn l-ewwel tiddikjara li l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-imputat jirriflettu r-reati li jirrizultaw, kif ukoll illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jirrizultaw, tasal ghall-konkluzjoni illi ssib certa diffikultà biex torbot dawn ir-reati mal-imputat.

Ovvjament l-Avukat Generali ghandu ragun jistaqsi illi jekk jirrizultaw l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat, x'dubbju seta' kien hemm biex torbot dawn ir-rizultanzi mal-operat tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Filwaqt li din il-Qorti tifhem illi l-ewwel Qorti messha uzat kliem ahjar biex tiddeskrivi l-hsieb taghha, tapprezza ukoll illi l-ewwel Qorti forsi kellha xi diffikultà biex toqghod fuq l-identifikazzjoni illi taw il-persuni aggrediti biex torbot din l-identifikazzjoni mal-imputat. Huwa veru illi d-deskrizzjoni illi giet moghtija taqbel perfettament ma' dik tal-appellat u cioé illi l-agressur kellu karnagjon cara, xaghru kien ta' lewn car ukoll, ghajnejh cari, irqiq u twil. Dawn il-hames karatteritici japplikaw perfettament ghall-appellat, però mhux necessarjament ghalih biss, u zgur illi hemm nies ohra f'dawn il-gzejjer illi jaqghu taht din id-deskrizzjoni, u din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni tal-ewwel Qorti illi tasal biex tikkonkludi minghajr dubbju dettat mir-raguni illi dawn id-deskrizzjonijiet bilfors jirriflettu ghall-appellat u ghal hadd aktar.

Ghalhekk bhala provi indizjarji ma jwasslux ghall-konkluzjoni wahda u kwindi ma tistax torbot fuqhom sabiex iwasslu ghal dak il-grad ta' prova rikjest mil-ligi.

Ghalhekk din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni li kellha l-ewwel Qorti meta giet biex tabbina lill-appellat mas-serqa proprja tal-hanut. Però kien hemm provi bizzejjed sabiex jinducu lill-Qorti tasal ghall-konkluzjoni dwar ir-reat ta' ricettazzjoni, li però ma kkunsidratax dan ir-reat peress li ma kienx inkluz fl-artikoli ikkwotati mill-Avukat Generali meta baghat il-process ghall-gudizzju quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Ikkunsidrat:

Hawnhekk qieghed il-qofol tat-tieni aggravju tal-appell tal-Avukat Generali meta allega illi saret enuncazzjoni zbaljata u inkompleta tal-ipotesi tal-ligi meta l-ewwel Qorti darba rrizultalha illi kien hemm ricettazzjoni setghet

tinvoka l-artikolu 476(2) tal-Kap. 9 u ssib htija ghal dan ir-reat avolja ma kienx inkluz fl-artikoli ikkwotati mill-Avukat Generali.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-artikolu fuq imsemmi, 476(2) tal-Kap. 9, gie introdott proprju sabiex ikopri cirkostanza bhal din u fejn fl-artikolu qed isemmi att ta' akkuza, dana ghandu japplika ghan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, u fejn issemmi guri tista' tiftiehem ghall-Qorti tal-Magistrati. Dan ifisser, kwindi, illi dan l-artikolu japplika awtomatikament u m'ghandux ghalfejn ikun inkluz fil-lista tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali peress illi tali cirkostanzi topera *ope legis* u mhux necessarji jkun hemm talba ghal daqshekk mill-Avukat Generali. Dan l-artikolu jghid, "Jekk persuna, fuq akkuza ta' serq, sew jekk semplici jew ikkwalifikat, ta' xi oggett, tigi misjuba mhux hatja ta' dik l-akkuza, il-guri jista' jiddikjarha hatja ta' misapproprjazzjoni ta' dak l-oggett jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 rigward dak l-oggett, jekk ikun hemm provi ta' dan ...". Hawnhekk, biex jidhol *in vigore* dan l-artikolu jew din ic-cirkostanza jrid jirrizulta nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija ta' serq u provi bizzejjed sabiex iwassal ghar-reat ta' misapproprjazzjoni. Fuq l-ewwel parti ta' dan l-artikolu l-ewwel Qorti ma sibitx lill-appellat hati ta' serq aggravat u tat indikazzjoni illi jidher illi kien hemm provi bizzejjed sabiex iwasslu ghal reat ta' ricettazzjoni kif kontemplat fl-artikolu 334 tal-Kap. 9.

Hawnhekk, din il-Qorti taqbel illi jizistu provi bizzejjed ghal din il-konkluzjoni. Fil-fatt irrizulta illi l-appellat instab bil-pussess volut ta' oggetti illi rrizulta illi kienu gejjin minn dik is-serqa. L-ispjegazzjoni illi ta tal-pussess ta' dawn l-oggetti hija ghal kollox inveritiera u sewwa ghamlet l-ewwel Qorti meta ddikjarat minghajr tlaqliq illi din l-ispjegazzjoni tal-appellat ma kellhiex titwemmen. U ddikjarat ukoll illi ma kinitx konvinta li l-appellat ma kienx jaf li l-oggetti fil-pussess tieghu ma kinux oggetti gejjin mis-serq.

Il-gurisprudenza Maltija hija kopjuza ghal dak li jirrigwarda t-tifsira tal-elementi ta’ ricetazzjoni, imma forsi jkun opportun li din il-Qorti taghmel referenza ghal wahda mill-ewwel insenjamenti illi saret in materja mill-allura Imhallef l-Onorevoli William Harding, fejn fil-ktieb tieghu *Recent Criminal Cases Annotated* jaghmel riferenza ghall-kawza “The Police versus Joseph Bugelli and others” fejn jghid, fost affarijiet ohra, “Three conditions are essentials, that is: (a) that previously, there has been the commission of an offence against property; (b) that the accused has received, or purchased, or in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods.” Ma hemmx dubbju illi l-ewwel zewg elementi jirrizultaw fi grad li trid il-ligi. L-oggetti li nstabu fil-pussess tal-appellat kienu gejjin mis-serq u dan il-pussess ma giex spjegat sodisfacentement mill-appellat.

Rigward l-element intenzjonali, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza “Il-Pulizija versus George Schembri” deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta’ April 1992 fejn qalet, “... min jakkwista oggett f’cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta illi dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, huwa hati ta’ ricetazzjoni (Vol. XLV.IV.1032)”.

Xi uhud mill-oggetti li nstabu fil-pussess tal-appellat kienu ghadhom bil-price tag u s-serial number taghhom u ghalhekk dan altru li kellu jiggenera suspett illi dawk l-oggetti kellhom provenjenza illegittima. Izda l-appellat ma ghamel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u ghalhekk ghandu jinstab hati ta’ ricettazzjoni.

ghalhekk, skont id-dicitura tal-artikolu fuq imsemmi nonostante li l-akkuza ta’ ricettazzjoni ma nghatatx fil-konfront tal-appellat mill-Avukat Generali, l-ewwel Qorti ma kinitx prekluza milli ssib htija ta’ dan ir-reat, u hawnhekk l-Avukat Generali ghandu ragun, u l-appell tieghu fuq dan l-aggravju jisthoqq li jkun milhuq. Però l-appellat pogga ostakolu iehor fejn ilmenta illi l-invokazzjoni ta’ dan l-artikolu 476(2) tal-Kap. 9 jincidi fuq id-drittijiet fundamentali tieghu peress illi wahda mir-

rekwiziti ta' smigh xieraq huwa illi persuna tkun tigi moghtija kopja tal-akkuzi illi tkun tinsab rinfaccata bihom. Dana sabiex tkun tista' tiddefendi ruhha skont l-akkuzi u xejn aktar. F'dan il-kaz ma hawn kwistjoni ta' reat minuri kompriz u involut izda reat kompletament separat u distint b'elementi kompletament distinti. L-akkuzat kellu jwiegeb biss ghall-akkuza ta' serq u mhux tenut li jwiegeb ghal akkuza ta' ricettazzjoni u ghalhekk dan l-artikolu jilledi d-drittijiet fundamentali tieghu, u ghalhekk talab illi ssib riferenza kostituzzjonali.

Ikkunsidrat :

Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tasal ghal dan u din it-talba hija frivola u vessatorja. L-artikolu 476(2) tal-Kap. 9 huwa fil-korp tal-ligi biex tidhol fis-sehh hekk kif ic-cirkostanzi javveraw ruhhom. L-appellat kien ben konsapevoli ta' dan l-artikolu u ma kellu l-ebda ostakolu sabiex jikkontrolla l-provi ghal dan l-artikolu jekk jidhirlu opportun fl-istadju quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Filwaqt illi huwa minnu illi l-Magistrat huwa marbut bl-artikoli ghall-gudizzju illi jibghat l-Avukat Generali, bhalma hija marbuta l-gurija bl-att tal-akkuza, dan l-artikolu 476(2) tal-Kap. 9, huwa l-eccezzjoni ghal din ir-regoli, u bhal gurija illi tista' tigi indirizzata illi ssib htija ta' ricettazzjoni f'akkuza li tkun limitata ghal serq, hekk ukoll il-Magistrat jista' jasal ghall-konkluzjoni ta' reata f'kaz ta' ricettazzjoni f'akkuzi li jkunu limitati ghal serq. Ta' dan l-appellat kien ben konsapevoli u ma kien hemm l-ebda ostakolu ghalih illi jipprepara d-difiza tieghu ghal din l-eventwalità.

Ghalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tilqa' t-talba tal-appellat ghal riferenza kostituzzjonali.

Ghal dak illi jirrigwarda l-piena, il-Qorti rat il-fedina penali tal-appellat illi minnha jirrizulta karattru refrettarju u inkoraggibbli ghall-ahhar. L-appellat ha l-beneficcji kollha illi possibilment seta' ha mil-ligi taghna izda ma servew ghal xejn u kompla f'din il-hajja ta' kriminalità bhallikieku t-twissijiet ma kienu se jservu ghal xejn. Ghalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha taghti opportunitajiet aktar lill-appellat u tqis piena karcerarja effettiva bhala wahda

idonea u gusta ghal dan il-kaz. Peress illi l-komputazzjoni tal-piena tiddependi fuq il-valur tal-oggetti misruqa, il-Qorti wara li rat l-artikolu 279(b) tal-Kap. 9, kif ukoll rat l-ircevuta illi ghamel sid l-oggetti (fol 493) fejn hemm indikazzjoni tal-valur ta’ xi uhud minnhom, liema valur jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), jidhrilha illi ghandha tapplika piena vicin il-massimu kontemplat mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, u wara li rat l-artikoliu 476(2) tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 334, 261(c), 267, 279(b) tal-Kodici Kriminali, tiddikjara lill-appellat mhux hati tal-akkuzi intestati min-numru wiehed (1) san-numru tmienja (8) u minnhom tilliberah, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 476(2) tal-Kap. 9 tiddikjarah hati talli xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, u tal-akkuzi intestati disgha (9) u ghaxra (10) u konsegwentement tikkundanna lill-appellat ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sitt (6) snin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------